



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10500/19

SOC 507
EMPL 394

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għal-Litwanja
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li taħtar membru u membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għal-Litwanja.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li tistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem,

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' April 2019¹, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope ppreżentat żewġ nomini għal żewġ postijiet vakanti li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 6.

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma maħtura bħala membru u membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

Pajjiż	Membru	Membru supplenti
Litwanja	Is-Sur Marius ABLAČINSKAS	Is-Sur Danukas ARLAUSKAS

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
